(iii) tkun tkeċċiet mill-Pulizija jew mill-Forzi Armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta’ interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista’ jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-28 ta’ Marzu, 2017

(iii) has been discharged from the Police or Armed Forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the Police or Armed Forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

28th March, 2017

**Nru. 350**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 350**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 28.3.2017 | €37.354 | €0.557 |

It-28 ta’ Marzu, 2017

**Nru. 351**

**ORDNI TA’ EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI**

**Artikolu 69 tal-Att tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent**

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi qed toħroġ din l-Ordni ta’ Emerġenza għall-Konservazzjoni skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta’ Malta fuq:

***Il-Ponta tad-Dwejra (Qawra Area – Għawdex)***

kif muri fil-pjanta fi Skeda 1 f’paġna 2793, minħabba li dan is-sit huwa ta’ importanza ambjentali u fil-bżonn ta’ konservazzjoni.

28th March, 2017

**No. 351**

**EMERGENCY CONSERVATION ORDER**

**Article 69 of the Environment Protection Act 2016**

THE Environment and Resources Authority is issuing this Emergency Conservation Order in accordance with Article 69 of the Environment Protection Act 2016, Chapter 549 of the Laws of Malta on:

***Il-Ponta tad-Dwejra (Qawra Area – Għawdex)***

as per site plan under Schedule 1 on page 2793, due to its environmental and geological importance and the need for conservation.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skont Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent għal skopijiet ta' konservazzjoni.

Is-sit indikat demarkat b'linja bejn il-koordinati A (E426857, N3990431) u B (E426857, N3990283) u l-bordura kontigwa kif indikat fi Skeda 1 tal-pjanta annessa, huwa ddikjarat żona protetta. Dawn ir-regolamenti jappilkaw:

Kull flora u fawna misjuba fiż-żona hija protetta;

Ebda persuna ma tista' tiġbor, tikkollezzjona, taqta', taqla' mill-għeruq, tiddistruġġi jew tikkaġuna ħsara b'xi mod lil xi flora fiż-żona jew xi eżemplari minnhom;

Ebda persuna ma għandha tiġri wara, tieħu jew tipprova tieħu, taqbad, toqtol jew tipprova toqtol, jew deliberament tiddistruġġi b'xi mod fawna fiż-żona u eżemplari minnhom;

Ebda persuna ma għandha tippossiedi, tittrasporta, b'kull mod tbigħ, tixtri, tpartat, toffri għall-bejgħ jew għat-tpartit, timporta jew tesporta xi speċi ta' flora u fawna jew eżemplari minnhom misjuba fiż-żona.

"Eżemplari" f'din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għandha l-istess tifsira hekk kif imfissra fl-Att.

L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ permess minn qabel fuq kull projbizzjoni stabbilita minn din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għal studji xjentifiċi *bona fide* u għal studji edukattivi *bona fide* u tista' timponi kull kundizzjoni li jidhrilha xierqa.

Din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni hija valida mid-data tal-pubblikazzjoni u għandha tibqa' valida sal-28 ta' Settembru, 2017, u għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti tal-2006 Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

Kull reat li jikser din l-Ordni ta' Emerġenza għandu jkun suġġett għal penali stipulati fl-Artikolu 84(1)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

Din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni qiegħda tissostitwixxi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1346 tal-2016.

It-28 ta' Marzu, 2017

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above site as described thereto in accordance with Article 69 of the Environment Protection Act, 2016 for the purposes of conservation.

The site indicated demarcated by a line between the coordinates A (E426857, N3990431) and B (E426857, N3990283) and a contiguous border, as indicated in Schedule I of the site plan, is declared a protected area. The following regulations shall apply:

All flora and fauna found in the area is protected;

No person shall deliberately pick, collect, cut, uproot, destroy or damage in any way any flora in the area and specimens thereof;

No person shall pursue, take or attempt to take, deliberately capture or kill or attempt to kill, deliberately destroy in any way any fauna in the area and specimens thereof;

No person shall keep, transport, by any method sell, buy, exchange, offer for sale or for exchange, import or export any species of flora and fauna and specimens thereof found in the area.

The term "specimen" as used in this Emergency Conservation Order has the same meaning as defined in the Act.

The Competent Authority may issue a prior permit on any prohibition established through this Emergency Conservation Order for *bona fide* scientific and educational studies and may impose any conditions it may deem fit.

This Emergency Conservation Order shall be valid from the date of issue up to the 28th September, 2017, and shall be without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L. 549.44).

Any offence against this Emergency Conservation Order shall be punishable in accordance with Article 84(1)(b) of the Act.

This Emergency Conservation Order is superseding Government Notice No. 1346 of 2016.

28th March, 2017


ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt
Dwejra Conservation Order
Key
Il-Ponta tad-Dwejra
(Qawra Area- Għawdex)
Former area known as
'It-Tieqa Tad-Dwejra'
N
Co-ordinates
A- E426857, N3990431
B- E426857, N3990283
Date: 16th March 2017
Copyright: Environment & Resources Authority
Basemap: Mapping Unit, Planning Authority
N
A
B
0
100
Metres